*parent of a study permit holder – check list mal-applikazzjoni li kienet tispeċifika l-wild li jkun student m'għandux ikollu aktar minn 18-il sena biex il-ġenitur jikkwalifika għal temporary residence permit*

MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Kompetenza Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tas-17 ta' Frar, 2021

Appell Inferjuri Numru 14/2020 LM

**Mehmed Essa Nasraddin (K.I. 100563A)**
*("l-appellant")*

***vs.***

**Id-Direttur tad-Dipartiment għaċ-Ċittadinanza u l-Espatrijati**
*("l-appellat")*

**Il-Qorti,**

**Preliminari**

1. Dan huwa appell magħmul mir-rikorrent **Mehmed Essa Nasraddin (K.I. 100563A)**, hawnhekk "l-appellant", minn deċiżjoni tal-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni, (minn issa 'l quddiem "il-Bord"), tas-6 ta' Marzu, 2020 (minn

issa ’l quddiem “id-deċiżjoni appellata”) li permezz tagħha l-Bord iddeċieda illi l-appell li r-rikorrent ressaq quddiem il-Bord għandu jiġi miċħud.

**Fatti**

2. Fit-28 ta’ Awwissu, 2019 ir-rikorrent ressaq applikazzjoni quddiem l-intimat **id-Direttur tad-Dipartiment għaċ-Ċittadinanza u l-Espatrijati**, hawnhekk “l-appellat”, fejn talab permess għal residenza f’Malta taħt it-*temporary application procedure.* Ir-rikorrent spjega li bintu Donia Essa Nasraddin qiegħda tistudja f’Malta, u li huwa l-*isponsor* tagħha. Permezz ta’ ittra tat-2 ta’ Ottubru, 2019, ir-rikorrent ġie infurmat li l-applikazzjoni tiegħu taħt il-proċedura ta’ applikazzjoni temporanja ma setgħetx tintlaqa’ għaliex bintu ma kinitx għadha minorenni, imma għalqet l-età ta’ tmintax-il sena u għalhekk huwa kien mistenni li jħalli Malta fi żmien għaxart ijiem mid-data ta’ din l-ittra, sakemm ma jkunx hemm raġunijiet ġustifikabbli li jippermettulu jestendi l-viżta tiegħu f’Malta. F’din l-ittra, ir-rikorrent ġie infurmat li seta’ jappella minn din id-deċiżjoni.

**Mertu**

3. Ir-rikorrent, fl-appell tiegħu quddiem il-Bord, spjega li huwa l-*isponsor* ta’ bintu, li għadha qiegħda tistudja u li tiddependi fuqu. Qal li huwa kien ġie mgħarraf li sakemm bintu tkun għadha qiegħda tistudja, huwa jista’ jibqa’ jgħix Malta bħala l-i*sponsor* tagħha, sakemm din tagħlaq tlieta u għoxrin sena. Qal li

għalhekk il-fatt li bintu għalqet tmintax-il sena m'għandux ifisser li l-applikazzjoni tiegħu m'għandhiex tiġi kkunsidrata. Fl-appell tiegħu r-rikorrent spjega li huwa jixtieq li wliedu jibqgħu jirċievu l-edukazzjoni tagħhom f'Malta, u li hu u wliedu jgħixu f'Malta bħala familja, fejn huma sodisfatti bil-kwalità ta' ħajja li għandhom fil-pajjiż. Flimkien mal-appell tiegħu, ir-rikorrent ippreżenta għadd ta' dokumenti li jippruvaw li wliedu qegħdin jirċievu l-edukazzjoni tagħhom f'istituzzjonijiet f'Malta, kif ukoll kopja tal-ftehim ta' kera tal-fond fejn hu u l-familja tiegħu jgħixu f'Malta.

4. Fir-risposta tiegħu d-Direttur intimat spjega li ladarba bint ir-rikorrent għalqet it-tmintax-il sena, ir-rikorrent m'għandu l-ebda jedd awtomatiku li jibqa' jgħix hawn Malta. Id-Direttur intimat ippreżenta dokument b'*checklist* li l-applikanti għal *temporary residence permit* għandhom jissodisfaw sabiex l-applikazzjoni tagħhom tkun tista' tintlaqa', fejn waħda mill-kundizzjonijiet hi li persuna li tapplika għal dan l-*istatus* għaliex uliedha jkunu qegħdin jistudjaw f'Malta, tista' tagħmel dan sakemm uliedha għandhom anqas minn tmintax-il sena.

**<u>Id-Deċiżjoni Appellata</u>**

5. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija fis-6 ta' Marzu, 2020, il-Bord iddeċieda li l-appell imressaq mir-rikorrent għandu jiġi miċħud, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"The Board:-*

*Saw the decision issued by the Director dated 2nd October 2019 which stated that with reference to the relative application filed on 28th August 2019 under the temporary application procedure, such application could not be accepted as although the appellant's daughter, Donia Nasreddine Essa was still studying in Malta, she had attained the age of majority.*
*Saw that the Director's decision further stated that the appellant was being ordered to leave Malta within ten working days from the date of the relative letter "unless there are justifiable reasons for you to extend your stay in Malta";*

*Saw that the relative appeal was filed on 14th October 2019;*

*Saw the Director's reply; and*

*Examined all the submissions filed.*

***Submissions filed and evidence produced***

*The Board observed that when the appeal was filed, the receipt issued instructed the parties to submit any further documentation within fifteen days. At the outset, the Board declares that although it is not legally bound to hold sittings, Art. 3(2) of the Administrative Justice Act (Chapter 490 of the Laws of Malta) stipulates that amongst the principle which this Board, amongst other bodies, is bound to uphold, is the principle of equality of arms. By affording both sides equal time to file all submissions and by not refusing to receive any submissions even after such timeframe has elapsed, the Board is doing justice to the cardinal principle of equality of arms.*

*The appellant accepted that his daughter had attained the age of majority. However, he argued that he had been told that as long as it was confirmed that his daughter was still studying and depended on his support as a sponsor, he could continue to reside in Malta on that basis until the appellant attained twenty-three years of age.*

*The appellant provided evidence that the appellant was reading for an International Diploma in Business Studies and a Bachelor of Science (Honours) degree at Domain Academy Limited.*

*The Director correctly argued that the standard of education in Malta, which the appellant evidently admired, did not grant him an automatic right to live and work in Malta.*

*Due to the appellant's daughter attaining the age of majority, the temporary application cannot be renewed and the appellant is thus deemed to be residing illegally in Malta. The application filed by the appellant was an application for* *__temporary__* *regularisation of his status and was not based on his daughter's studies. A completely different application should have been filed.*

***__Decision__***

*Therefore, after having read the relative submissions as well as after having seen the provisions of Chapter 217 of the Laws of Malta and of S.L. 217.17, the Board rejects the appeal.*

*The Board orders that this decision be served on the parties immediately and without delay."*

## **__L-Appell__**

6. L-appellant ressaq l-appell tiegħu minn din id-deċiżjoni fit-18 ta' Mejju, 2020, fejn talab lil din il-Qorti sabiex,

*"1. Tħassar id-deċiżjoni tal-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni datata 6 ta' Marzu, 2020; u*

*2. Tirrimanda l-atti lura lill-Bord sabiex jisma' x-xhieda neċessarji skont kif kien talab l-appellant u imbagħad jiddeċiedi l-każ mill-ġdid skont il-liġi."*

7. L-appellant jgħid li huwa jħoss ruħu aggravat bid-deċiżjoni tal-Bord għaliex fil-mori ta' dak l-appell, f'Jannar tal-2020, huwa kien ippreżenta rikors li bih talab li ssir seduta sabiex jittellgħu x-xhieda neċessarji u sabiex jiġu ppreżentati l-provi kollha neċessarji. Qal li meta mar biex jippreżenta dan ir-rikors, huwa ġie infurmat verbalment li l-*file* tal-appell tiegħu diġà kien fil-

pussess taċ-*chairperson* tal-Bord sabiex jiġi deċiż. Qal ukoll li minkejja li ngħata din l-informazzjoni, huwa xorta waħda insista li r-rikors tiegħu jkun irreġistrat u miġjub għall-attenzjoni tal-Bord sabiex it-talba tiegħu tintlaqa' jew tiġi miċħuda. Kompla jgħid li l-Bord ma ta l-ebda digriet li bih ċaħad jew laqa' t-talbiet tiegħu fir-rikors, u minflok għadda biex jagħti deċiżjoni skont l-atti li kienu jinsabu fil-*file* dak iż-żmien.

8. L-appellant jgħid li l-Bord messu laqa' t-talba tiegħu sabiex tinstema' x-xhieda tal-uffiċjali ta' Identity Malta, qabel għadda għad-deċiżjoni tiegħu. Qal li l-fatt li l-Bord naqas milli jiddekreta t-talba tiegħu, wassal biex huwa ma jkollux l-opportunità li jressaq il-provi li kellu bżonn iressaq. L-appellant qal li din il-Qorti, diversament preseduta, diġà kellha l-opportunità li tispjega fid-dettall kif għandu jimxi l-Bord, u ċċita d-deċiżjoni fl-ismijiet **Wei Wei *vs.* The Director of the Department for Citizenship and Expatriate Affairs** tas-26 ta' Jannar, 2018 fejn il-Qorti kienet qalet li l-Bord tal-Appell tal-Immigrazzjoni huwa tribunal amministrattiv, fejn wieħed għandu jedd jippretendi li d-deċiżjonijiet jittieħdu skont il-prinċipju tal-*procedural fairness.* F'dik id-deċiżjoni, il-Qorti kienet għamlet riferiment għal deċiżjoni tal-Qorti Suprema tal-Kanada fl-ismijiet **Baker *vs.* Canada (Minister of Citizenship & Immigration)** (2 4 S.C.R. 817), fejn il-Qorti spjegat x'inhi '*procedural fairness'* fil-kuntest tal-liġi amministrattiva, u qalet li din hija l-opportunità għall-partijiet sabiex jippreżentaw il-każ tagħhom b'mod komplut, u li d-deċiżjoni li ser taffettwa l-jeddijiet, l-interessi u l-privileġġi tagħhom tittieħed wara proċess ġust, imparzjali u miftuħ.

9. L-appellant jgħid li l-fatt li l-Bord f'dan il-każ mhux marbut bi proċedura partikolari, ma jfissirx li rikors jista' ma jiġix iddekretat jew li l-Bord jista' jaqbad u jiddeċiedi l-appell mingħajr ma jisma' l-provi kollha. Qal li minkejja li l-Bord fid-deċiżjoni tiegħu qal li kull waħda mill-partijiet ingħatat żmien suffiċjenti biex tagħmel is-sottomissjonijiet tagħha, u minkejja li l-Bord laqa' s-sottomissjonijiet kollha li saru minkejja li l-limiti ta' żmien imposti fuq il-partijiet kienu skadew, dan ma jirriżultax li huwa korrett. Kompla jgħid li fir-realtà, il-Bord la żamm seduta u lanqas ta żmien lill-appellant sabiex iressaq aktar provi, u għalhekk jirriżulta li l-Bord irrifjuta li jirċievi l-provi tal-appellant.

10. L-appellant qal ukoll li m'hemm l-ebda limiti ta' żmien li l-partijiet iridu jimxu magħhom sabiex jippreżentaw il-provi tagħhom quddiem il-Bord, u meta jinfetaħ il-proċess tal-appell quddiem il-Bord, l-applikanti jingħataw karta li tinfurmahom li għandhom jedd jissottomettu kull dokument jew prova oħra fi żmien ħmistax-il ġurnata minn meta jinfetaħ il-*file* tagħhom. Qal iżda li din il-proċedura mhijiex regolata mill-Att dwar l-Immigrazzjoni, u għalhekk m'għandhiex is-saħħa ta' liġi u ma tistax tiġi infurzata.

11. L-appellant qal li bir-rikors tiegħu ta' Jannar, 2020, huwa informa lill-Bord li xtaq li jinstemgħu xi uffiċjali minn Identity Malta bħala xhieda. Qal li hu ma jistax jordna lil dawn l-impjegati jixhdu b'*affidavit*, u għalhekk il-Bord kellu jagħmel seduta apposta għal dan u jordna lil dawn l-uffiċjali ta' Identity Malta jitilgħu jixhdu. L-appellant żied jgħid li sabiex il-Bord seta' jasal għal deċiżjoni ġusta, dan kellu jisma' lill-uffiċjali ta' Identity Malta, li kellhom jispjegaw bil-ġurament quddiem il-Bord għaliex ingħatat din id-deċiżjoni fil-konfront tal-

appellant, u sabiex jispjegaw ukoll id-deliberazzjonijiet interni li wassluhom għal dik id-deċiżjoni. L-appellant qal li huwa kien qiegħed ifittex li jingħata spjegazzjoni ġuramenta dwar ir-raġuni għalfejn il-fatt li bintu għalqet it-tmintax-il sena, kellu jwassal għat-tkeċċija tiegħu minn Malta.

12. L-appellant qal li l-artikolu 7 tal-Att dwar l-Immigrazzjoni ma jgħid xejn dwar it-*temporary application procedure,* u lanqas ma jgħid jekk ġenitur ta' student jew studenta jistgħux ikunu awtorizzati jkomplu jgħixu f'Malta hekk kif l-istudent inkwistjoni jsir maġġorenni. Qal li minflok il-Bord iffissa seduta sabiex ikun infurmat aħjar, dan iddeċieda l-appell mingħajr ma ddekreta r-rikors tiegħu u mingħajr ma indika li dak ir-rikors kien ġie kkonsidrat. L-appellant ikkonkluda billi qal li quddiem tribunali kważi-ġudizzjarji, għandhom jitħarsu l-prinċipji fundamentali tal-ġustizzja naturali, u l-inosservanza tagħhom iġġib b'konsegwenza l-irritwalità tal-proċeduri u n-nullità tas-sentenza.

## <u>Ir-Risposta tal-Appell</u>

13. Id-Direttur appellat wieġeb li d-deċiżjoni appellata hija ġusta u timmerita konferma. In via preliminari, id-Direttur appellat qal li *ai termini* tal-artikolu 25 A (8) tal-Att dwar l-Immigrazzjoni (Kap. 217 tal-Liġijiet ta' Malta), id-deċiżjoni tal-Bord hija waħda finali u minnha ma hemmx appell għajr dwar punt ta' dritt.

14. L-appellat qal li l-aggravju tal-appellant huwa msejjes fuq il-fatt li l-Bord ma appuntax seduta sabiex jinstemgħu x-xhieda ta' Identity Malta, u dan minkejja li l-appellant ressaq rikors b'urġenza sabiex il-Bord jappunta l-appell għas-smigħ tal-provi tliet xhur wara li kien intavola r-rikors tal-appell tiegħu, u xahrejn u nofs wara li ngħata digriet mill-imsemmi Bord sabiex iressaq is-sottomissjonijiet u provi kollha tiegħu bil-miktub.

15. L-appellat qal li hija prassi ormai stabbilita li fi proċeduri ġudizzjarji jew kważi-ġudizzjarji, m'hemmx għalfejn jiġu ffissati seduti sabiex isiru sottomissjonijiet bil-fomm. Huwa biżżejjed li fi proċeduri bħal dawn iż-żewġ partijiet jingħataw l-istess opportunità biex iressqu s-sottomissjonijiet tagħhom, u tali opportunità tista' tkun ukoll bil-miktub u mhux bilfors orali. Żied jispjega li f'każijiet bħal dawn, huwa essenzjali li ż-żewġ partijiet jingħataw l-opportunità li jressqu l-każ tagħhom, anki permezz ta' sottomissjonijiet bil-miktub. Qal li f'dan il-każ, iż-żewġ partijiet kellhom l-opportunità li jressqu l-każ tagħhom permezz ta' dokumentazzjoni u sottomissjonijiet.

16. L-appellat qal li huwa assurd l-argument tal-appellant li l-Bord messu appunta l-każ għas-smigħ sabiex jinstemgħu x-xhieda. Qal li s-smigħ f'każijiet bħal dawn isir meta l-Bord ikollu dubju fuq xi punt li jrid jiġi kkjarifikat u mhux meta l-Bord jiġi ffaċċjat b'appell li jgħid biss li l-appellant ma kienx jaf li l-applikazzjoni tiegħu kienet ser tiġi rifjutata.

17. L-appellat żied jgħid li għandu jirriżulta li l-appellant lanqas sottomissjonijiet veri u proprji *in limine litis* m'għamel, aħseb u ara kemm kellu l-intenzjoni li jressaq sottomissjonijiet ulterjuri.

18. L-appellat jagħmel riferiment għall-argument tal-appellant, li filwaqt li jgħid li l-Bord mhux marbut bi proċedura partikolari, fl-istess ħin jgħid li l-proċedura li qiegħda tintuża mill-Bord mhijiex waħda korretta għaliex il-liġi ma tistipulax terminu *ex lege* meta jistgħu jiġu ppreżentati provi fl-atti ta' proċedura quddiem il-Bord, u jgħid li għalhekk it-terminu ta' ħmistax-il ġurnata għall-preżentata ta' dokumenti u sottomissjonijiet m'għandhiex saħħa ta' liġi. L-appellat qal li dawn iż-żewġ argumenti tal-appellant ma jreġux, u li ħadd m'għandu għalfejn jaħseb li huma l-partijiet li jistgħu jaqbdu u jirregolaw huma kif għandhom jitmexxew il-proċeduri quddiem il-Bord. L-appellat qal li għandu jkun ovvju li meta l-Bord jagħti terminu, il-partijiet jimxu miegħu u josservawh, u f'dawk il-każijiet il-Bord ikollu s-setgħa li jagħlaq il-provi tal-partijiet u jgħaddi għall-prolazzjoni tad-deċiżjoni. L-appellat qal ukoll li filwaqt li Bord jew Qorti jagħtu l-opportunità lill-partijiet sabiex iressqu l-każ tagħhom 'il quddiem, din l-opportunità m'għandhiex tiġi abbużata kapriċċożament. L-appellat qal li f'dan il-każ, l-appellant daħħal ir-rikors b'urġenza tiegħu madwar xahrejn u nofs wara li t-terminu mogħti lilu sabiex jagħmel dan kollu, kien skada.

19. L-appellat qal li ladarba l-appellant naqas milli jottempera ruħu mad-digriet tal-Bord fiż-żmien lilu mogħti, in-nuqqas kien tal-appellant u mhux tal-Bord. L-appellat żied jgħid li r-rikors tal-appellant ma jidhirx fil-*file* tal-Bord u lanqas jista' jikkostitwixxi prova f'dawn il-proċeduri, għaliex f'dan l-istadju l-

ebda provi mhuma ammissibbli. L-appellat żied jgħid li ladarba r-rikors mhux fl-atti tal-Bord, l-aggravju tal-appellant ma jistax ireġi minħabba li r-rikors li fuqu jibbaża l-aggravju tiegħu l-appellant la hu ffirmat, la hu datat u lanqas mhuwa ppreżentat.

20. L-appellat qal li l-appellant ma tax spjega dwar għalfejn ix-xhieda li xtaq iressaq kienu daqstant kruċjali sabiex idawru d-deċiżjoni tal-appellat jew tal-Bord. Qal li l-appellant lanqas ma spjega r-raġuni għalfejn id-deċiżjoni tal-Bord għandha tiġi mħassra.

21. L-appellat qal li ċ-*check list* li kellha timtela mill-appellant kienet tispjega li applikazzjoni għal *temporary residence permit,* tapplika fejn '*parent of a study permit holder'* ikollu tfal li għandhom tmintax-il sena jew inqas bħala età. L-appellat qal li ladarba ġie stabbilit li bint l-appellant għalqet dsatax-il sena, dan ma setax jingħata permess biex jibqa' jirrisjedi Malta abbażi ta' dak ir-rekwiżit.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

22. Din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tikkonsidra l-aggravju mressaq mill-appellant, filwaqt li tqis ukoll is-sottomissjonijiet magħmula mid-Direttur appellat fir-risposta tiegħu, u anki l-osservazzjonijiet tal-Bord kif jirriżultaw fid-deċiżjoni appellata. L-appellant essenzjalment qiegħed jibbaża l-aggravju tiegħu fuq il-fatt li l-Bord għadda għal deċiżjoni dwar l-applikazzjoni tal-

appellant mingħajr ma ddekreta r-rikors tal-appellant ta' Jannar 2020 sabiex tinstema' x-xhieda ta' uffiċjali ta' Identity Malta.

23. L-appellant spjega li huwa m'għandux kontroll fuq min mill-uffiċjali ta' Identity Malta jixhed b'*affidavit,* u kien għalhekk li huwa ressaq rikors b'urġenza sabiex qabel il-Bord jagħti d-deċiżjoni finali tiegħu, jinstemgħu l-uffiċjali ta' Identity Malta, bil-ħsieb li jispjegaw aħjar x'kienet ir-raġuni għalfejn l-applikazzjoni tal-appellant ġiet rifjutata. L-appellant isostni li l-Bord naqas milli jiddekreta t-talba tiegħu, u huwa baqa' ma ngħata l-ebda raġuni għan-nuqqas ta' deċiżjoni tal-Bord. L-appellant qal li huwa ma ngħata l-ebda raġuni għalfejn ladarba t-tifla tiegħu saret maġġorenni, huwa ma baqax jikkwalifika għat-*temporary application procedure,* u f'dan il-każ ħadd mill-uffiċjali ta' Identity Malta ma xehed dwar il-proċeduri interni li wasslu għal din id-deċiżjoni.

24. Il-Qorti kkonsidrat li f'dan il-każ l-appellant ressaq l-applikazzjoni tiegħu taħt it-*temporary application procedure,* fejn spjega li bintu Donia Essa Nasraddin qiegħda tistudja f'Malta, u li huwa l-*isponsor* tagħha. Din kienet l-unika raġuni mogħtija mill-appellant bħala l-bażi tal-applikazzjoni tiegħu sabiex ikun jista' jibqa' f'Malta. Kien ċar sa mill-bidu iżda, li l-appellant ma kienx jissodisfa dan ir-rekwiżit proċedurali għaliex iċ-*checklist* ipprovduta mid-Dipartiment kienet tispeċifika b'mod ċar li applikazzjonijiet bħal dawn jistgħu jintlaqgħu biss fil-każ ta' ġenituri li għandhom uliedhom qegħdin jistudjaw hawn Malta li għandhom tmintax-il sena jew inqas. F'dan il-każ l-appellant ma kienx jissodisfa r-rekwiżit li huwa stess applika taħtu. Jirriżulta wkoll li kien

hemm applikazzjonijiet preċedenti magħmula mill-appellant fiż-żmien meta bintu kienet għadha minorenni, liema applikazzjonijiet intlaqgħu u huwa tħalla jibqa' f'Malta. Imma f'dan il-każ il-kweżit li abbażi tiegħu l-appellant jippretendi li għandu jibqa' Malta mhuwiex sodisfatt.

25. Il-Qorti tqis li f'dan il-każ, ir-raġuni mogħtija mill-appellat għar-rifjut tal-applikazzjoni tal-appellant hija waħda ċara u li ma tirrikjedi l-ebda spjegazzjoni ulterjuri minn xi uffiċjal minn Identity Malta biex jelabora dwar dan. L-applikazzjoni tal-appellant kienet imsejsa fuq premessi li ma ġewx sodisfatti fil-mument li huwa daħħal l-applikazzjoni tiegħu, għaliex sa mill-mument tal-applikazzjoni, l-appellant ma kienx jissodisfa l-kweżit li bintu kellha tmintax-il sena jew anqas. Iċ-*checklist* esebita *a fol*. 18 hija ċara dwar l-età tal-wild li jkun student, u għalhekk anki mid-dokumentazzjoni esebita ma tirriżultax sodisfatta l-pretensjoni tal-appellant li huwa għandu jedd jingħata permess temporanju sakemm bintu tagħlaq l-età ta' tlieta u għoxrin sena u ttemm l-istudji tagħha. L-appellant lanqas ma ppreżenta xi forma ta' *affidavit* jew almenu indika min kien li lilu tah l-informazzjoni li huwa seta' japplika għal permess temporanju sakemm bintu tagħlaq tlieta u għoxrin sena. Id-dokumentazzjoni uffiċjali ppreżentata u mimlija minnu hija prova ċara biżżejjed li l-pretensjoni tal-appellant mhijiex ibbażata fuq konsiderazzjonijiet fattwali, għaliex minn imkien ma jirriżulta li ġenitur ta' wild li laħaq l-età ta' tmintax-il sena, jista' jibqa' jingħata permess temporanju għal residenza minħabba fis-sempliċi fatt li xi ħadd minn uliedu għadu qiegħed jistudja f'Malta. Ċertament li l-Bord ma kellux bżonn jisma' x-xhieda ta' xi uffiċjal minn Identity Malta biex jelabora dwar dan, għaliex id-dokumentazzjoni pprovduta għall-konsiderazzjoni tal-

Bord tispjega b'mod ċar x'inhuma l-kweżiti li abbażi tagħhom applikazzjoni bħal din tista' tiġi milqugħa. Barra minn hekk jirriżulta bl-aktar mod ċar li t-talba tal-appellant permezz tar-rikors intavolat minnu saret fi stadju tal-proċeduri meta t-terminu mogħti lill-partijiet għall-preżentata ta' dokumenti u sottomissjonijiet oħra li xtaqu jagħmlu, kien ilu li skada.

**Decide**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti qiegħda tiddeċiedi dwar l-aggravju tal-tal-appellant billi tiċħdu, filwaqt li tikkonferma d-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha, bl-ispejjeż a karigu tal-istess appellant.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**